

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2015 – BBY Solutions vs UASI – Worldwide Sales Corporation España (BEST BUY)**

(Kawża T-773/15)

(2016/C 078/42)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: BBY Solutions, Inc. (Minneapolis, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Poulter, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Worldwide Sales Corporation España (Sant Vicenç dels Horts, Spanja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

Applikant: ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali “BEST BUY” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 065 403

*Proċedimenti quddiem l-UASI:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-08/10/2015 fil-Każijiet Konġunti R 733/2015-2 u R 780/2015-2

### **Talbiet tar-rikorrenti**

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, tat-8 ta’ Ottubru 2015, fil-Każ R-0780/2015-2 sa fejn laqgħet l-oppożizzjoni;
- tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, tat-23 ta’ Frar 2015, fl-Oppożizzjoni Nru B 1312208 sa fejn laqgħet l-oppożizzjoni;
- taċċetta l-Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni dwar it-trade mark Komunitarja Nru 006065403;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tiegħu u dawk tar-rikorrenti.

### **Motivi invokati**

- Il-Bord kiser l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 billi evalwa b'mod żabaljat l-elementi dominanti u distintivi tat-trade marks;
- Il-Bord kiser l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 billi evalwa b'mod żabaljat l-impressjoni globali maħluq mit-trade marks;
- Il-Bord kiser l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 billi evalwa b'mod żabaljat l-identità jew ix-xebħ tal-prodotti u servizzi koperti mit-trade marks; u
- Il-Bord kiser l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 billi kkonkluda b'mod żabaljat li kien hemm probabilità ta’ konfużjoni bejn it-trade marks preċedenti tal-avversarju u t-trade mark tar-rikorrenti.